TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEĊIŻJONI PRELIMINARI NUMRU 2327

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech

Każ Numru: 3039/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Marisa Camilleri

U

Malta International Airport plc.

Dwar: allegazzjoni ta' demotion

Illum 13 ta' Novembru 2014

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali, diversement kompost, permezz ta' rikors dwar demotion. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

**PRELIMINARI:**

Ir-rikorrenti esponiet illi hija kienet taħdem bħala *officer attached to the Aerodrome Services Department* mas-soċjeta' intimata. Fil-5 ta' Awissu 2011 inbdew proċeduri ta' dixxiplina kontriha fejn ġew dedotti tlett akkużi fil-konfront tagħha. Ir-reat gravi allegatament kommess mir-rikorrenti kien li għaddiet minn xatba li minnha soltu kienu jgħaddu l-istaff tas-soċjeta' intimata u kif ukoll persuni f'karigi għolja fi ħdan l-istess soċjeta' intimata sabiex jaċċedu għall-airside, mingħajr l-iċken oġġezzjoni anzi bil-konsapevolezza sħiħa tas-soċjeta' intimata, u liema xatba s-soċjeta' intimata issostni li kienet biss għad-dħul iżda mhux għall-ħruġ minnha, għax kienet xatba one-

way. F'din l-okkażjoni li waslet għall-ħruġ tal-akkużi odjerni, xi ħadd mis-soċjeta' intimata sab oġġezzjoni għal dik li kienet prassi għal zmien twil, u deherlu li kellu joħroġ l-akkuża. L-akkużi nstemgħu minn Bord intern kompost għall-fini tas-smiegħ ta' dawn l-akkużi, li sab lir-rikorrenti ħatja biss tat-tieni akkuża u mhux ħatja taż-żewġ akkużi l-oħra, filwaqt li elenka wkoll numru ta' ċirkostanzi u fatturi mitiganti, skont ma jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina datata 26 ta' Diċembru 2011, liema deċiżjoni ġiet konfermata mill-Bord intern tal-Appell. B'konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, u minkejja li r-rikorrenti instabet ħatja ta' akkuża waħda biss u dan b'diversi ċirkostanzi mitiganti, u minkejja li l-każ hu wieħed *de minimis*, is-soċjeta' intimata applikat piena ħarxa fil-konfront tar-rikorrenti billi ordnat li l-grad ta' impjieg tagħha jiġi mnaqqas (*demoted*) għal Coordinator, b'tnaqqis qawwi fis-salarju tagħha u fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha. Ir-rikorrenti riteniet li fl-ewwel lok ma kellha qatt tinstab ħatja tal-akkuża li dwarha nstabet ħatja mill-Bord ta' Dixxiplina, billi kellha tiġi liberata mit-tlett akkużi dedotti kontra tagħha, u dana peress illi hi m'għamlet xejn li s-soċjeta' intimata u d-dirigenti tagħha ma kienux konsapevoli tiegħu, anzi spiċċat kundannata talli adoperat prassi kostanti li għaliha qatt ma kien hemm oġġezzjoni minn naħa tas-soċjeta' intimata. Illi wkoll ma setgħet u lanqas ma kellha tingħata d-demotion fil-grad ta' impjieg fil-każ odjern. Ir-rikorrenti ssottomettiet ukoll illi l-piena inflitta hi waħda esaġerata u inġusta, u s-soċjeta' intimata injorat għal kolox iċ-ċirkostanzi mitiganti li kkonkluda dwarhom il-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell u mponiet piena li kellha, għadha u ser jibqa' jkollha riperkussjonijiet serji fuq il-ħajja lavorattiva tar-rikorrenti, kemm għal dak li hu salarju kif ukoll kundizzjonijiet oħra tal-impjieg, fosthom fil-possibilitajiet ta' avvanz tagħha. Ghaldaqstant r-rikorrenti talbet illi t-Tribunal jirrevoka u jħassar is-sejbien ta' ħtija tagħha dwar it-tieni akkuża li dwarha nstabet ħatja quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u konsegwentament jordna li hi tiġi reintegrata fil-kariga tagħha ta' *officer attached to the Aerodrome Services Department* u li hi titħallas id-differenza fis-salarju minn meta ġiet demoted sa meta terġa' tingħata lura l-grad li kellha fl-impjieg tagħha; subordinament għal dan, u biss jekk it-Tribunal ma jidhirlux li għandu jiddisturba l-konklużjonijiet dwar sejbien ta' ħtija tal-Bord ta' Dixxiplina, jiddikjara u jiddeċiedi l-piena inflitta mis-soċjeta' intimata kienet waħda ħarxa, inġusta u sproporzjonata, u għalhekk jordna li r-rikorrenti tiġi reintegrata fil-kariga tagħha ta' *officer attached to the Aerodrome Services Department* u li hi titħallas id-differenza fis-salarju minn meta ġiet demoted sa meta terġa' tingħata lura l-grad li kellha fl-impjieg tagħha, u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġbu jagħti dan it-Tribunal.

Is-socjeta` intimata fl-ewwel lok ippremettiet illi l-każ ma jistax jinstema' mit-Tribunal peress illi l-kaz jittratta *demotion* u għalhekk ma jaqax fil-parametri ta' każijiet li għandhom jinstemgħu mit-Tribunal u ghaldaqstant ir-rikorrenti għandha tipproċedi quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili minhabba li r-rikorrenti qiegħda titlob illi t-Tribunal jissostitwixxi d-diskrezzjoni tiegħu għal dik maniġerjali, diskrezzjoni li m'għandiex tiġi ddisturbata ħlief għal konsiderazzjoni ta' nuqqas ta' tħaris ta' proċeduri rilevanti bi preġudizzju għall-impjegat *de quo* u/jew ħlief għall-każ li d-diskrezzjoni ġiet manifestament abbużata u li l-ebda minn dawn ma' tapplika f'dan il-każ. L-intimati mxew skont id-drittijiet tagħhom u raġjonevolament, b'mod konformi mal-proċeduri ta' dixxiplina, li huma parti ntegrali mill-ftehim kollettiv applikabbli.

**PROVI:**

It-Tribunal sema x-xhieda ta' Roderick Bajada, Head of HR, MIA fejn qal illi bħala grad, il-grad ta' Officer huwa għola minn ta' Coordinator. Fil-kaz odjern, Marisa Camilleri minn Officer tniżżlet għal Coordinator kienet minħabba proċedura ta' dixxiplina u skont il-proċedura hemm imniżżel il-penali li jistgħu jingħataw u l-kumpanija għażlet waħda mill-penali - *demotion*. Il-proċedura dixxiplinari hija skont il-ftehim kollettiv. Ma kien hemm l-ebda objections lanqas meta kien hemm is-smiegħ fuq xi proċedura li nkisret, jiġifieri kollox sar according to the procedures. L-officer hija l-persuna li tassenja l-Coordinators x'jagħmlu u x'ma jagħmlux u hija l-persuna responsabbli tax-xogħol li jagħmlu l-Coordinators. Il-Bord ta' Dixxiplina u l-Bord tal-Appell huma komposti taħt il-ftehim kollettiv bil-Bord ta' Dixxiplina jikkonsisti fi tlieta minn nies: ic-chairman li huwa indipendenti, persuna nominata mill-kumpanija u persuna nominata mill-union bl-appell jinstema' minn persuna waħda.

Ir-rikorrenti xehdet li kienet ilha tahdem mal-MIA kważi 21 sena. Bħala Officer ix-xogħol taghha kien li tiddelega x-xogħol lil impjegati oħra, li fil-maġġor parti huma rġiel, u tirrapporta *any serious breaches jew safety breaches* fuq l-air field. Hi damet fil-kariga ta' Officer seba' snin (sa Marzu tas-sena 2012). Ir-rikorrenti xehdet li ma baqghetx f'din il-kariga għax il-kumpannija qalet li għaddiet minn bieb li ma kelliex tgħaddi, mis-Schengen Gate,u ttellghet bord ta' dixxiplina u appellat mid-decizjoni tal-Bord. Wara l-appell ittieħdet id-deċiżjoni mill-kumpannija li tinzel għall-kariga ta' Coordinator li hija żewġ gradi inqas, għax hemm il-grad ta' Assistant Officer ukoll.

It-Tribunal sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

**KUNSIDERAZZJONIJIET:**

It-Tribunal ikkunsidra illi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal hija wahda esklussiva limitata mill-provvedimenti tal-Artikolu 75 (1) tal-Kap. 452 li jipprovdi s-segwenti:

*Minkejja kull ma jinstab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi:*

*(a) Il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta u*

*(b) Il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha ta' Titolu I ta' dan l-Att jew regolamenti maghmula tahtu*

Il-Qorti Civili fil-kawza Karmenu Vella vs. General Workers' Union dahlet fid-dettall dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu u l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti Civili f'dan il-kaz qalet illi *"Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga generali ghall-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-dispozizzjonjiet tal-Kap. 452 ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma inkludiex fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu."*

Hekk kif il-Qorti Civili ddikjarat fil-kawza hawn fuq imsemmija, mhux it-taqsimiet kollha li jaqghu taht Titolu I tal-Kap. 452 fil-fatt jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet ezami ta' kull Taqsima fit-Titolu I. Fil-kaz odjern ir-rikorrenti qeghda titlob lit-Tribunal li jirrevoka s-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar is-sejbien tal-ħtija dwar it-tieni akkuża u tordna li l-piena ma tibqax applikabbli, terga' titpoġġa f' postha u tieħu d-differenza fis-salajru. Ma huwiex indikat la fir-rikors promotur u lanqas fit-trattazzjoni ghal liema kazijiet li jaqghu taht it-Titolu I qeghda tinkwadra l-ilment taghha.

It-Tribunal jinnota illi mhu imsemmi mkien fil-Kap. 452 illi t-Tribunal Industrijali jista' jissindika fuq procedura ta' dixxiplina, ad eccezzjoni f'kazijiet ta' tilwima. Il-kaz kif pprezentat zgur li ma jistax jitqies bhala tilwima industrijali u hwejjeg ta' dixxiplina jaqghu taht id-definizzjoni ta' tilwima industrijali. Saret referenza mir-rikorrenti ghad-decizjoni li inghatat fit-tilwima bejn il-General Workers' Union u l-Malta Dairy Products[1]. Apparti illi dan il-kaz kien wiehed ta' tilwima industrijali, hawn ukoll it-Tribunal Industrijali ma dahalx fil-mertu tal-kwantu tad-dixxiplina pero` ittrattat biss jekk il-kumpannija kinitx imxiet mal-proceduri tal-ftehim kollettiv. It-Tribunal jirrimarka li fil-kaz odjern ma giex allegat ksur tal-procedura jew tal-Ftehim Kollettiv.

**<u>DECIZJONI:</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-kumpannija intimata u jiddikjara illi m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' l-kaz.

**<u>DRITTIJIET:</u>**

[1] Kaz numru 1454, datat 6 ta' Settembru 2001

It-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet f'dan il-każ għal €93.17 kull wieħed u dan ai termini tal-provvedimenti ta' Avviż Legali Numru 48 tal-1986.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju